MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 95/2002/1

**Sally Camilleri.**

**vs.**

**Emidio Micolucci.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu nhar il-31 ta’ Ottubru 1998, hekk kif jindika l-att taz-zwieg bin-Numru 1989/1998 anness u mmarkat bhala Dok. “SC1”.

Illi miz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-istess zwieg kien ivvizzjat *stante* li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista` mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi *in oltre*, l-kunsens tal-partijiet jew ta’ wiehed minnhom kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-partijiet jew ta’ wiehed minnhom inkiseb ukoll bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-attrici zzewget minhabba koerzjoni morali qawwija li vvizjat il-kunsens taghha *stante* illi precizament qabel iz-zwieg hija kienet telqet klandestinament mid-dar tal-genituri taghha u marret tghix u tirrisjedi mal-konvenut.

Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat il-verbali tal-21 ta’ Mejju 2002 fejn l-attrici talbet li ssir notifika tal-konvenut skond l-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** u l-Qorti tilqa` t-talba; tas-6 ta’ Novembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2002.

Rat li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh bil-procedura ta' l-affisjoni u permezz ta' publikazzjoni f'gazzetta lokali, baqa` ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) PRINCIPJI LEGALI.

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jghid:

*19. (1) "B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

(a) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza`;"*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga` kellha okkazzjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza`.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irresistibli, cjoe` trid*

*tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *noltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza` f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilita` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru,1982) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira m'ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-***artikolu 19 (a)***."*

Illi l-attrici tissottometti illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond* xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null;

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attrici ssostni illi l-kunsens tal-konvenut kien null a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza "**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**" (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza "**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**" (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta' **Viladrich:**

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of*

*binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (**Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (**Viladrich**, P.J., op.cit., p. 687).

Illi fl-ahharnett, l-attrici ssostni illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** li jghid:

***Art.19(1)(f)*** *:- “Il kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga”.*

Illi l-kunsens hu mifhum fis-sens guridiku, bhala l-espressjoni tal-volonta’ hielsa u xjenti tal-bniedem. Meta persuna tidhol ghaz-zwieg bil-hsieb maghmul (eskluzjoni pozittiva) fil-mument li jinghata l-kunsens, li jeskludi z-zwieg fih innfisu, jew wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga (fedelta` jew prokreazzjoni) jew icahhad lill-parti l-ohra mill-att taz-zwieg, tkun qed tinkorri fin-nullita’ ravvizata permezz ta’ dan is-sub-inciz tal-**artikolu 19.**

Illi l-kaz ta’ simulazzjoni jipprezenta kontradizzjoni bejn il-volonta` nterna u dik immanifestata permezz tal-kunsens. Bl-intenzjoni nterna, il-parti konsensjenti qed teskludi pozittivament iz-zwieg fih innifsu jew xi element essenzjali tieghu:-

*“Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta’ di celebrarlo, mentre in realta, nell’interno della sua volonta’ non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e’ necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell’interno della volonta’”*. **(Castano J.F. – “Il Sacramento del Matrimonio.”).**

Illi l-eskluzjoni ghandha tkun *“pozittiva”* fis-sens li mhux bizzejjed li wiehed vagament jahseb li possibilment fil-futur jista’ jittradixxi l-obbligu tal-fedelta`, jew jipposponi l-prokreazzjoni ta’ l-ulied ghal xi data futura. Biex jigi applikat dan l-artikolu, jinhtieg li jkun hemm decizjoni fil-mohh tal-kontraent li jeskludi dak id-dritt jew obbligu.

Illi fil-fatt l-**artikolu 19(1) (f)** jiddistingwi bejn is-simulazzjoni totali jew parzjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita` tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara li jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali ghall-hajja mizzewga, cjoe’, l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied jew il-fedelta’.

Illi fil-materja ta' simulazzjoni, l-prova m'hijiex dejjem facli peress li hemm l-element ta' duplicita`. Il-kunsens f'dan il-kaz, m'huwiex l-espressjoni esterna ta' l-intenzjoni tal-kontraent izda hu pacifiku li l-intenzjoni tal-kontraenti tista' tigi ppruvata wkoll implicitament kif manifestata fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi skond is-sentenza **"Anna Galea vs John Walsh"** (P.A. (N.A.) 30 ta' Marzu 1995) inghad li trid issir ghalhekk, distinzjoni bejn l-eskluzjoni tad-dritt u l-ezercizzju ta' dak id-dritt. Dan il-kaz kien jittratta dwar l-eskluzjoni tal- prokreazzjoni ta' l-ulied u ta' l-att konjugali. Il-Qorti ddefiniet il prova li trid issir ghal fini ta' dan is-sub-inciz tal-**artikolu 19(1) (f)** fis sens li :-

*"Tali prova tista' issir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens basta li l-Qorti tqishom fic-cirkostanzi kollha tal-kaz li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens cjoe' ghaz-zwieg".*

Illi fil-kawza **"Taguri vs Av Christopher Cilia noe"** (P.A. (N.A.) 10 ta' Novembru 1999 – Cit. Nru.3130/96NA) gie ritenut li:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna li l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

**<u>(II) PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi minkejja li l-kawza ilha istitwita mit-28 ta' Jannar 2002 u *nonostante* li l-attrici inghatat l-opportunita` li tipprezenta l-affidavits taghha fi zmien hamsin (50) gurnata mid-data tad-digriet tas-6 ta' Novembru 2002, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-llum, l-attrici ma aderixxietx ruhha ma' l-istess u ma resqet l-ebda provi, nkluz fit-terminu lilha moghti.

Illi ghalhekk it-talba attrici u l-premessi fic-citazzjoni attrici ma gew bl-ebda mod ippruvati u wisq inqas kkonfermati u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda minhabba nuqqas ta' produzzjoni ta' provi.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tichad it-talba attrici** minhabba nuqqas ta' produzzjoni ta' provi mill-istess attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------